



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2017/2115(INI)**

24.10.2017

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar prospetti u sfidi għas-settur tal-apikultura tal-UE  
(2017/2115(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mireille D'Ornano

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-apikultura bħala attività ekonomika u soċjali għandha rwol kruċjali fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, toħloq l-impjiegi u ttiprovdi servizz importanti lill-ekosistema permezz tad-dakkir, li jagħti kontribut għat-titjib tal-bijodiversità billi jsostni d-diversità ġenetika tal-pjanti;
2. Iqis li l-biedja u l-apikultura jikkondividu l-istess art u huma ta' benefiċċju reċiproku, u huwa għalhekk li l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ setturi jeħtieġ li tingħata spinta biex jiżdiedu s-sinerġiji u jitnaqqsu r-riskji;
3. Jenfasizza l-importanza tad-dakkir għas-sigurtà alimentari fl-Ewropa u fid-dinja, minħabba l-impatt tan-naħal u d-dakkara (domestiċi u selvaġġi) fuq il-biedja, il-produzzjoni agrikola, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà ambjentali;
4. Jirrimarka dwar ir-riċerka riċenti mwettqa mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-NU, li turi li żieda fid-densità u l-varjetà ta' insetti li jdakkru għandha impatt dirett fuq il-ħsad u, għaldaqstant, tista' tgħin lill-bdiewa żgħar iżidu l-produttività tagħhom b'medja ta' 24 % b'mod globali.
5. Jirrikonoxxi li filwaqt li d-dakkara tal-għelejjel, inkluż in-naħal tal-għasel, idakkru iktar minn 80 % tal-għelejjel u l-pjanti selvaġġi kollha u jikkontribwixxu mill-inqas EUR 22 biljun kull sena lill-industrija agrikola Ewropea, il-popolazzjonijiet tan-naħal qed jonqsu b'rata allarmanti;
6. Jiġbed l-attenzjoni dwar id-daqsijiet li jvarjaw tal-popolazzjoni tan-naħal tal-għasel f'diversi żoni agrikoli: il-popolazzjoni qed tikber f'xi pajjiżi li jipproduċu l-għasel, filwaqt li pajjiżi oħra qed jiffaċċjaw tnaqqis;
7. Huwa preokkupat ħafna li l-mortalità tal-bhejjem f'xi pajjiżi laqget livelli oġhla minn 50 % u jwissi li t-tnaqqis fil-produttività tal-għasel tad-doqqajsiet jista' jinħeba minħabba ż-żieda statistika fil-popolazzjonijiet tan-naħal tal-għasal f'dawn l-aħħar deċennji;
8. Iqis li d-deterjorament tal-ambjent minħabba l-impatt dejjem jikber tal-attività umana, il-firxa ta' biedja intensiva, l-użu li qed jiżdied ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u t-tibdil fil-klima, qed jikkawżaw rati għolja ta' mortalità fost in-naħal u tnaqqis drastiku fin-numru ta' kolonji tan-naħal;
9. Jenfasizza li ħafna mill-konsegwenzi previsti tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fit-temperatura, bidla fix-xejriet tax-xita u avvenimenti tat-temp estremi jew inqas prevedibbli, se jkollhom impatt fuq il-popolazzjonijiet tad-dakkara;
10. Jiġbed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti u ta' ċifri preċiżi dwar is-sitwazzjoni tad-dakkara fil-livell dinji, u dwar l-għadd u d-diversità tagħhom;

11. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' programmi reġjonali jew internazzjonali biex jissorveljaw il-qagħda u x-xejriet attwali fir-rigward tad-dakkara;
12. Jenfasizza l-importanza li titħares il-varjeta' ġenetika tan-naħal, li hija riżorsa vitali biex jiġi żgurat li l-popolazzjonijiet tan-naħal ikunu kapaċi jadattaw għal bidliet ambjentali u theddid għal saħħithom;
13. Jirrikonoxxi li r-reżistenza tan-naħal tiġi mdgħajfa b'mod konsiderevoli mill-esponiment kimiku kumulattiv, u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jiffaċċjaw kundizzjonijiet stressanti bħas-snin li fihom tagħmel ħafna xita, nuqqas ta' nektar, mard u parassiti;
14. Jenfasizza li l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura għandu jitqies bħala fattur ewlieni li jaffettwa s-saħħa tan-naħal;
15. Jenfasizza li l-effetti fit-tul ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sistemiċi huma sottovalutati; jemmen li l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jitqies sabiex jiġi ċċarat sa liema punt għandhom rwol fis-saħħa tan-naħal; jilqa' l-adozzjoni riċenti ta' proġett pilota dwar il-monitoraġġ ambjentali tal-użu tal-pestiċidi permezz tan-naħal tal-għasel;
16. Jitlob lill-UE tadotta formalment il-linji gwida tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għan-naħal sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' "riskju aċċettabbli" mitlub mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;
17. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni sabiex jipproteġi d-dakkara b'mod ġenerali, kemm domestiċi kif ukoll selvaġġi;
18. Ifakkar fid-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, b'mod partikolari l-Artikolu 14, li jagħmilha mandatorja li l-bdiewa kollha japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara fil-farms tagħhom mill-2014 'il quddiem, u l-Artikolu 9, li jdaħħal projbizzjoni ġenerali fuq il-bexx mill-ajru, tagħha;
19. Jirrimarka li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-familja tan-neonikotinojdi (klotijanidin, tjaklopid, imidaklopid, tijametoksam), fenilpirazol (fipronil), piretrojdi u sustanzi attivi bħall-klorpirifos u d-dimetoat, b'effetti letali (mortalità dovuta għat-tossiċità akuta jew kronika ta' sustanzi attivi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti) jew effetti sottoletali (effetti fuq is-sistema immunitarja jew fuq l-imġiba tan-naħal), direttament jew permezz ta' ilma kkontaminat, guttazzjoni tal-qatriet, nektar u għabra tad-dakra li jistgħu jikkawżaw disturbi diġestivi u ormonali;
20. Isostni li pestiċidi bbażati fuq in-neonikotinojdi għandhom rwol partikolari fit-tnaqqis preokkupanti fil-popolazzjonijiet tan-naħal fl-Ewropa kollha, kif inhu evidenti minn għadd ta' studji internazzjonali li servew bħala l-bażi għal petizzjonijiet miċ-ċittadini li jinkludu mijiet ta' eluf ta' firem mill-kontinent kollu;
21. Jirrimarka dwar l-ammont dejjem jikber ta' riċerka xjentifika li torbot l-estinzjoni ta'

- kolonji tan-naħal mal-użu ta' pestiċidi neonikotinojdi;
22. Jirrimarka li l-UE introduċiet restrizzjonijiet temporanji fuq l-użu ta' erba' insettiċidi neonikotinojdi (klotijanidin, tijametoksam, imidakloprid u fipronil) sabiex jitnaqqas l-impatt fuq in-naħal;
  23. Jappella għal projbizzjoni definittiva tat-tqegħid ta' pestiċidi neonikotinojdi fis-suq Ewropew;
  24. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġislazzjoni li tipprojbixxi l-produzzjoni, il-bejgħ u l-użu tal-pestiċidi kollha bbażati fuq in-neonikotinojdi madwar l-UE, mingħajr derogi u bħala miżura ta' prijorità, sabiex tipproteġi l-popolazzjonijiet tan-naħal;
  25. Jilqa', għalhekk, il-proposta mill-Kummissjoni għal projbizzjoni komprensiva tal-klotijanidin, l-imidakloprid u t-tijametoksam, u jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw, jimplimentaw u jirrispettaw din il-projbizzjoni bis-sħiħ;
  26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika, filwaqt li jibqgħu jżommu livell għoli ta' valutazzjoni tar-riskju sabiex joffru firxa saħansitra usa' ta' alternattivi lill-bdiewa;
  27. Jissuġġerixxi li l-pajjiż jew il-pajjiżi tal-oriġini tal-għasel għandhom jiġu elenkati b'mod ċar fuq it-tikketta sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-konsumaturi u tiġi meġġuna l-għieda kontra Prattiki frodulenti;
  28. Jinnota li d-Direttiva 2014/63/UE tistipula li l-pajjiż tal-oriġini li fih ikun inġabar l-għasel irid jiġi indikat fuq it-tikketta, meta l-għasel joriġina minn aktar minn Stat Membru jew pajjiż terz wieħed; jirrikonoxxi, madankollu, li tenħtieġ aktar azzjoni biex tiġi indirizzata l-frodi fil-qasam tal-prodotti tal-apikultura u biex tiġi indirizzata l-kompetizzjoni inġusta rappreżentata mill-"għasel" adulterat;
  29. Jitlob li jsiru kontrolli kontinwi fuq il-kwalità tal-għasel impurtat minn pajjiżi terzi li l-leġislazzjoni tagħhom tippermetti t-trattament ta' kolonji tan-naħal bl-antibijotiċi;
  30. Jinnota l-importanza ta' allokkazzjoni tal-baġit b'saħħitha għall-programmi nazzjonali tal-apikultura u, minħabba l-importanza tas-settur għall-agrikoltura b'mod ġenerali, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tingħata prominenza fin-negozjati tal-politiki agrikoli futuri f'termini ta' appoġġ, riċerka u innovazzjoni, u tal-programmi edukattivi dwar l-apikultura;
  31. Huwa tal-fehma li l-politiki tal-biedja tal-UE, u primarjament il-politika agrikola komuni (PAK), iridu jinkorporaw l-evidenza xjentifika l-aktar riċenti dwar il-benefiċċji u t-theddid għall-popolazzjonijiet ta' naħal u dakkara selvaġġi;
  32. Jitlob li jingħata appoġġ finanzjarju akbar biex jiżdied il-livell ta' għarfien fost dawk li jrabbu n-naħal fl-oqsma tal-mard tan-naħal u tal-apikultura sabiex jiġi żgurat li l-apikultura tibqa' parti mill-produzzjoni agrikola u biex il-pajsaġġ jitħares għall-futur;
  33. Jissottolinja li s-EUR 36 miljun allokatil lil min irabbi n-naħal huma insinifikanti meta

mqabbla mal-isfidi ffaċċjati mis-settur u mhux possibbli li jinstabu soluzzjonijiet effikaċi u deġġema għall-problemi li jiffaċċjaw;

34. Jilqa' l-fatt li l-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni obligatorji tar-Regolament emendat dwar Pagamenti Diretti (Regolament (UE) Nru 1307/2013), b'mod partikolari fir-rigward tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel u ż-żoni ta' interess ekoloġiku, jistgħu jikkontribwixxu għal ambjent aħjar għan-naħal; jenfasizza, madankollu, li n-naħal u dakkara oħra jridu jkunu fil-qalba tas-sistema tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE u li jeħtieġ li jsir iktar biex jiġu stabbiliti sistemi agrikoli li jirrispondu għall-ħtiġijiet tad-dakkara, filwaqt li tiġi ggarantita l-produzzjoni tal-ikel li tikkontribwixxi għall-benessri taċ-ċittadini tal-UE; isostni li l-ekoloġizzazzjoni tal-PAK hija inadegwata għax ma tibdilx l-għanijiet ġenerali tagħha;
35. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tirrieżamina l-PAK wara l-2020, tagħti prijorità lil miżuri li jiggarrantixxu l-integrità ambjentali meħtieġa biex jiġi żgurat l-aħjar stat ta' saħħa tal-popolazzjoni tan-naħal;
36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw in-naħal bħala indikatur tal-kwalità ambjentali u bħala strument biex jivvalutaw l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-obiettivi tal-PAK, b'mod partikolari permezz ta' analiżi tar-residwi u diversità botanika tal-għabra tad-dakra minn kampjuni meħuda mid-dogqajsiet u minn matriċi/prodotti oħra tal-apikultura;
37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel progress fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti pilota fuq in-naħal u dakkara oħra bħala indikaturi ta' saħħa ambjentali u tal-ħabitats;
38. Jilqa' s-suċċess tal-programmi tal-UE li għaddejjin bħalissa bħal SmartBees (Ġestjoni Sostenibbli tal-Popolazzjonijiet tan-Naħal Reżiljenti) u jitlob għal aktar impenn favur il-protezzjoni tal-biodiversità tan-naħal selvaġġ u r-razez lokali, u b'hekk tiġi evitata l-konċentrazzjoni żbilanċjata fuq ir-razez li jitrabbew l-aktar illum: Carnica, Ligustica u Buckfast;
39. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sussidji għall-farms mid-diversi linji baġitarji tal-PAK iqisu l-prattiki li jiffavorixxu n-naħal, bħal pereżempju ż-żoni ta' interess ekoloġiku jew iż-żriġħ ta' fjuri selvaġġi li jippreferu n-naħal fuq art mistrieħa;
40. Jappella għal proċedura meqjusa biex tiġi estiża l-lista ta' speċijiet ta' pjanti invażivi li jistgħu jwasslu għal tnaqqis fid-diversità fil-mergħat tan-naħal fl-UE;
41. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi programm tal-UE ta' sorveljanza u monitoraġġ tas-saħħa tan-naħal ikkoordinat mill-Istati Membri, bl-għan li jinftiehm u l-fatturi li jaffettwaw is-saħħa tan-naħal u li jiġu mmonitorjati fuq medda twila ta' żmien;
42. Jirrikonoxxi li mhux il-pajjiżi kollha għandhom sistema ta' reġistrazzjoni ta' min irabbi n-naħal u tad-dogqajsiet li tiffaċilita l-monitoraġġ ta' żviluppi fis-settur, fis-suq u fis-saħħa tan-naħal;
43. Jappella għall-espansjoni u l-użu akbar ta' teknoloġiji tal-informazzjoni avvanzati li jistgħu jgħinu biex jissimplifikaw il-proċess ta' identifikazzjoni ta' mard tal-kolonji tan-naħal;

44. Jissottolinja b'mod partikolari r-rwol tar-riċerka dwar il-kawżi tat-tnaqqis fuq skala kbira tal-immunità tal-kolonji tan-naħal, li huwa fenomenu inkwetanti, u ta' azzjoni komuni fit-tfittxija għal trattamenti u miżuri xierqa kontra l-parassiti tan-naħal (b'mod partikolari id-dud distruttiv Varroa); jitlob li ssir riċerka dwar l-impatt tal-importazzjoni ta' naħal regina ħajjin minn pajjiżi terzi;
45. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-livell ta' appoġġ għal riċerka relatata mas-saħħa tan-naħal tal-għasel fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u tiffoka r-riċerka fuq l-iżviluppi teknoloġiċi, u b'mod partikolari fuq l-impatt ta' fatturi ambjentali fuq is-sistemi immunitarji tal-kolonji tan-naħal u l-interazzjonijiet tagħhom mal-patoloġiji, fuq l-istabbiliment ta' Prattiki Agrikoli Sostenibbli, fuq il-promozzjoni ta' alternattivi mhux kimiċi (i.e. Prattiki Agronomiċi Preventivi bħar-rotazzjoni tal-għelejjel u l-użu tal-kontroll bijoloġiku) u, b'mod ġenerali, fuq l-inkoraġġiment ulterjuri tat-tekniki tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara;
46. Jemmen li hemm nuqqas ta' mediċini awtorizzati għan-naħal; jinnota li huwa diffiċli li wieħed ikun jaf liema molekuli jawtorizza kull Stat Membru u li qed jiġu żviluppati ftit prodotti ġodda;
47. Jinnota li m'hemmx standards komuni tal-UE għal min irabbi n-naħal;
48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, flimkien mas-setturi tal-biedja u tal-apikultura, gwidi ta' Prattiki Tajbin li jippromwovu s-sinerġiji bejn iż-żewġ attivitajiet u jinkoraġġixxu l-użu tal-aqwa tekniki disponibbli;
49. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi Prattiki Agrikoli Sostenibbli fil-PAK, tinkoraġġixxi lill-bdiewa kollha jutilizzaw Prattiki Agronomiċi Sempliċi skont id-Direttiva 2009/128/KE u ssaħħaħ il-miżuri agroambjentali speċifiċi għas-settur tal-apikultura, fl-ispirtu tal-Istrateġija tal-Bijodiversità l-ġdida tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri agroambjentali maħsuba għall-apikultura fil-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali u jinkoraġġixxu lill-bdiewa jipparteċipaw f'miżuri agroambjentali li jappoġġjaw il-bwar li jiffavorixxu lin-naħal fil-marġini tal-għelieqi u jutilizzaw livell avanzat ta' produzzjoni integrata, filwaqt li jieħdu approċċ olistiku għall-biedja u jużaw metodi ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx meta jkun possibbli;
50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, flimkien mas-setturi tal-biedja u tal-apikultura, sistema ta' tikkettar li tippromwovi l-istabbiliment ta' sistema ta' produzzjoni responsabbli għan-naħal;
51. Jappella għal żieda tal-finanzjament pubbliku u privat għar-riċerka u l-iżvilupp dwar Prattiki Mtejba fil-qasam tal-biedja organika;
52. Jilqa' x-xejra attwali ta' apikultura urbana u, fl-istess ħin, jappella għal integrazzjoni mandatorja u mill-qrib tal-assoċjazzjonijiet reġjonali ta' min irabbi n-naħal u tal-awtoritajiet, u għal standards minimi biex jitwaqqfu l-Prattiki ta' trobbija abbużivi u jiġi evitat t-tixrid intenzjonat ta' mard fost il-popolazzjonijiet tan-naħal;
53. Jappella għall-appoġġ u l-promozzjoni ta' attivitajiet nazzjonali u internazzjonali għaż-żgħażaġh li jrabbu n-naħal fid-dawl tal-età medja għolja ta' min irabbi n-naħal fl-UE.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.10.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 38 -: 12 0: 9
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, Bas Eickhout, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, György Hölvényi, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Urszula Krupa, Jo Leinen, Norbert Lins, Rupert Matthews, Joëlle Mélin, Miroslav Mikolášik, Gilles Pargneaux, Pavel Poc, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Nils Torvalds, Adina-Ioana Vălean, Damiano Zoffoli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mireille D'Ornano, Herbert Dorfmann, Eleonora Evi, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Younous Omarjee, Gabriele Preuß, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Claude Turmes, Tiemo Wölken, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Olle Ludvigsson

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>38</b>	<b>+</b>
ALDE	Frédérique Ries
ECR	Mark Demesmaeker
EFDD	Mireille D'Ornano, Eleonora Evi
ENF	Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin
GUE/NGL	Lynn Boylan, Stefan Eck, Anja Hazekamp, Kateřina Konečná, Younous Omarjee
NI	Zoltán Balczó
PPE	Herbert Dorfmann, José Inácio Faria
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Miriam Dalli, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Olle Ludvigsson, Gilles Pargneaux, Pavel Poc, Gabriele Preuß, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Tiemo Wölken, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Margrete Auken, Bas Eickhout, Benedek Jávor, Bart Staes, Keith Taylor, Claude Turmes

<b>12</b>	<b>-</b>
ALDE	Jan Huitema, Anneli Jäätteenmäki, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Nils Torvalds
PPE	Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, Angélique Delahaye, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Norbert Lins, Annie Schreijer-Pierik

<b>9</b>	<b>0</b>
ECR	Julie Girling, Urszula Krupa, Rupert Matthews
PPE	Pilar Ayuso, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, György Hölvényi, Miroslav Mikolášik, Adina-Ioana Vălean

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni